Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri  GSR 1021
Tel:  21558686    Fax:  21558655    email:   ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/32*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-31**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Offerti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratti għas-servizz ta' tindif tal-latrina pubblika u għas-servizz ta' tindif tat-toroq se jagħlqu fil-31 ta' Marzu 2016 filwaqt li l-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff jagħlaq fil-31 ta' Mejju 2016. Dawn il-kuntratti se jgħalqu tlett snin u għalhekk ma jistgħux jiġu imġedda. Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu sejħa għall-offerti għal dawn it-tlett servizzi. Il-Kunsill qabel li William Sultana għandu jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv biex isiru d-dokumenti tal-offerti u wara tinħareġ sejħa għall-offerti.

**4. Jum L-Għasri**

Is-Sindku ippropona li l-attivita prinċipali ta' Jum L-Għasri issir nhar is-Sibt 26 ta' Settembru. Ser tiġi organizzata quddiesa u wara ikun hemm l-ikla għar-residenti ta' L-Għasri u l-ħbieb tagħhom. Is-Sindku ippropona ukoll li norganizzaw Wine Festival fejn jiġu mistiedna nies mir-raħal tagħna li jgħasru l-inbid u tista' issir kompetizzjoni

għall-aħjar inbid. Is-Sindku issuġġerixxa li issir ukoll kompetizzjoni ta' ritratti jew pittura għat-tfal. Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sindku. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandu jieħu ħsieb jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru. Dwar l-ikla s-Sindku ippropona li din issir bil-koperazzjoni ta' Country Terrace u l-Kumitat tal-Festa ta' L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

Dwar il-Premju Ġieħ L-Għasri s-Sindku ippropona li jinħatar Bord tal-Għażla għal dan il-premju. Il-Viċi Sindku qal li huwa kien għamel dan is-suġġeriment is-sena l-oħra. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud issuġġeriet li l-Bord ikun magħmul mis-Sindku jew membru tal-Kunsill, il-President jew membru tal-għaqdiet li għandna fir-raħal u membru mill-Kleru. Is-Sindku qal li huwa tal-istess opinjoni tal-Kunsilliera Mifsud. Il-Bord għandu jipproponi lill-Kunsill persuna jew persuni biex jingħata l-Premju Ġieħ L-Għasri. Il-Kunsill jieħu deċiżjoni finali waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandu jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill u imexxi l-Bord tal-Għażla. Għalhekk is-Sindku se jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex dan il-Bord ikun jista' jiltaqa' u jinnomina persuna jew persuni għal Premju Ġieħ L-Għasri.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 17/2015 – Ġbir ta' Skart Separat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa bagħat l-informazzjoni mitluba mid-Dipartiment Għal Gvern Lokali permezz ta' din il-Memo.

5.02 Memo 18/20105 – L-Att dwar ir-Responsabbilta' Fiskali (Kap 534).

5.03 Memo 19/2015 – Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali.

5.04 Memo 20/2015 – Pubblikazzjoniet tal-Kunsilli Lokali / Lista ta' Niċeċ fil-Lokalita.

5.05 Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-iskart elettriku u eletroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali. Il-kuntrattur għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff Godfrey Borg se jiġi mitlub jiffirma dikjarazzjoni li qed jimxi mar-regolamenti mogħtija mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, L-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima.

5.06 Memo 22/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015.

5.07 Memo 23/2015 – Stedina mill-Ministeru għall-Finanzi – Konsultazzjoni ta' qabel il-Baġit 2016.

5.08 Dr Karsten Xuereb Direttur tal-Fondazzjoni Valletta 2018 informa lill-Kunsill li wara li kienu iddiskutew magħna dwar mappa kulturali, din issa qed tidher online. Huwa stieden lill-Kunsilli sabiex jidħlu jaraw il-mappa u jekk jkun hemm aktar informazzjoni li tista' tiżdied u forsi trid issir xi korrezzjoni għandna navżawh b'dan.

5.09 Ir-Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunsilli dwar proġett ta' Europe Direct Information Centre li ser isir fuq l-Għolja ta' Għammar. Europe Direct Information Centre qed jitolbu l-koperazzjoni tal-Kunsilli kollha ta' Għawdex sabiex jitħawlu siġar fuq l-Għolja ta' Għammar. Is-siġar jiswew madwar €7 u

kull Kunsill qed jiġi mitlub li jħawwel żewġ siġrat. Il-Kunsill qabel unanimament li nieħdu sehem f'dan il-proġett.

5.10 Eva Krammer li toqgħod fi Sqaq il-Knisja infurmat lill-Kunsill hemm lampa mill-ġodda (LED) faċċata tal-isqaq li hija mitfija. Hija talbet ukoll lill-Kunsill sabiex jinkiteb l-isem tal-isqaq peress li ħafna drabi meta ikun hemm nies li jiġu bżonn imorru f'xi waħda mir-residenzi tal-istess sqaq ma jsibuhx. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar il-lampa diġa kien irraportaha u ġiet irranġatha. Dwar l-isem tal-isqaq il-Kunsill qabel li nordnaw l-isem sabiex ikun hemm indikazzjoni ta' fejn hu Sqaq il-Knisja.

5.11 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill b'laqgħa organizzata mill-Wasteserv Ltd dwar il-European Week for Waste Reduction. Din l-attivita issir fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kien attenda għal din il-laqgħa. Il-Kunsilli qed jiġu imħeġġa jieħdu sehem f'din l-attivita. Fost proposti li saru kien hemm li jsir ġbir ta' ħwejjeġ li ma jkunux għadhom jintużaw u għalhekk jingħataw għall-missjoni. Il-Wasteserv għandhom jikkuntattjaw lil kull Kunsill biex jitfassal programm ta' attivitajiet. Għalhekk aktar informazzjoni tingħata aktar tard.

5.12 George Zammit, Prinċipal fil-Ministeru għal Għawdex ilmenta dwar il-fatt li qed isiru l-lampi ġodda (LED) peress li skond hu dawn ma juru xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kien għadda din l-email għall-attenzjoni tal-Inġinier Renzo Curmi li huwa l-Contract Manager dwar li Street Lighting u anke dwar dan il-proġett ta' bdil tal-lampi ta' Għawdex kollu (biex isiru kollha LED) li qed isir wara offerta maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Wara li jinbidlu l-lampi kollha dawn se jgħaddu għar-responsabilta tar-Reġjum ta' Għawdex. L-Inġinier spjega li diġa saru testijiet dwar l-ammont ta' dawl li jitfgħu dawn il-lampi ġodda u qal li dan huwa prattikament l-istess bħal ta' qabel bid-differenza li dawn ma jitfgħux dawl 'l fuq u huma ferm aktar effiċjenti. L-Inġinier qal li huwa importanti li ma jitfgħux dawl 'l fuq biex innaqsu mil-Light Pollution. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li flokk jeħlu dritti l-lampi jistgħu ikunu ftit angolati u b'hekk id-dawl iwassal minn naħa għall-oħra tat-triq. Il-Kunsill qabel li nistaqsu lill-Inġinier jekk nistgħux nagħmlu kif issuġġerixxa l-Viċi Sindku.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-32 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Peress li din is-sena l-kors tal-ħjata mhux ser isir taħt l-iskema tal-Lifelong Learning, il-Kunsill qabel li dan il-kors norganizzawh aħna stess. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi biex naraw kemm hawn nies interessati li jattendu u jekk ikolna rispons tajjeb norganizzawh. Il-miżata se tkun €15 li tkopri s-sena kollha u l-anzjani ikunu b'xejn.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk hux se jiġi organizzat trasport għat-tfal li jattendu l-iskejjel tal-Knisja kif sar fl-aħħar snin. Is-Sindku qal li peress li ma' jidhirx li hemm min huwa interessat f'dan is-servizz m'hemmx bżonn li jsir. Jekk ikolna xi talba l-Kunsill jikkonsidra li jorganizza t-trasport kif sar fis-snin preċedenti.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed ikollu ħafna ilmenti dwar il-ħin li qed jinġabar l-iskart peress li qed jinġabar kmieni. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-problema u qabel li s-Sindku għandu jiltaqa' mal-kuntrattur (KIP Għawdex Ltd) sabiex flimkien isibu soluzzjoni.

7.04 Is-Sindku ippropona li fi żmien il-Milied inżejnu b'dawl dekorattiv is-siġra tal-pjazza. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku se jikkordina biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

7.05 Kelina Mintoff ta' Triq il-Knisja talbet li titranġa l-bankina tagħha peress li kienet intlaqtet minn xi vettura kbira u inkisret parti minnha. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq din il-bankina diġa sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7.06 George Farrugia ta' Wied Sara talab biex jitnaddaf il-wied li jiġi wara l-post tiegħu peress li jekk tagħmel ix-xita u l-wied jibqa imblukkat, l-ilma se jidħol fid-dar tiegħu u tagħmillu ħafna ħsara. Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol meħtieġ mill-kuntrattur Anton Mintoff.

7.07 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab sabiex jitkompla l-gandott li hemm fl-inħawi ta' Triq il-Ġonna peress li meta tagħmel ix-xita tista' issir ħsara lill-egħlieqi. Is-Sindku ippropona li nistennew li ikolna l-Perit tal-Kunsill (għandna l-offerta se tagħlaq dalwaqt u għalhekk jingħażel il-Perit) sabiex jagħtina parir ta' x'inhu l-aħjar li jista' jsir. Is-Sindku ippropona ukoll li niktbu lid-Direttur tad-Dipartiment għal Proġetti u Żviluppi sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ peress li dan huwa raba' tal-Gvern. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.08 Maria Attard ta' Triq Dun Karm Caruana issuġġeriet li l-vitin tal-ilma tal-latrina pubblika għandhom jinbidlu peress li mhux jiffunzjonaw tajjeb. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinbidlu. Ix-xogħol ser isir minn Anġlu Mercieca.

7.09 Is-Sindku ippropona sabiex nibdew kampanja ta' tiżbih tal-lokalita. Huwa issuġġerixxa li inpoġġu pots bix-xtieli fil-pjazza fuq ir-roundabout. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

7.10 Is-Sindku ippropona sabiex ninstallaw cameras madwar postijiet differenti fir-raħal fosthom fil-pjazza. B'hekk inkunu nistgħu nagħmluhom online ukoll. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiġbor stimi dwar din is-sistema.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv